# KIF TUŻA S-SERVIZZ TAT-3 BINS



PENRITH
CITY COUNCIL

penrith.city

# Il-Bin tal-FOGO bl-għatu aħdar

Il-bin bl-għatu aħdar huwa l-bin tiegħek għall-Organiċi tal-Ikel u tal-Ġnien (Food Organics and Garden Organics (FOGO)). Dan il-bin jinġabar kull ġimgħa u qiegħed għal biċċiet tal-ikel, fdalijiet tal-ikel, qtugħ ta' ħaxix, qtugħ mill-ġnien, kaxxi tal-pizza, karti mill-'fish and chips', tissues u affarijiet oħra simili.





**Dawn huma xi ftit eżempji ta' affarijiet li jistgħu jmorru fil-bin tal-FOGO tiegħek:**

- ✓ Għadam
- ✓ Friegħi
- ✓ Fdalijiet tal-kafe` mitħun
- ✓ Boroż ħodor u kompostabbli ipprovduti mill Kunsill
- ✓ Prodotti tal-ħalib
- ✓ Xaħmijiet u żjut
- ✓ Ħut
- ✓ Fjuri
- ✓ Qtugħ ta' ħaxix
- ✓ Mifrex tal-qtates (magħmul mit-tafal jew mill-karti)
- ✓ Weraq
- ✓ Biċċiet u fdalijiet tal-ikel
- ✓ Laħam
- ✓ Gazzetta
- ✓ Platti tal-karti
- ✓ Xugamani tal-karti
- ✓ Ħmieġ tal-annimali domestiċi
- ✓ Pil tal-annimali
- ✓ Kaxxi tal-pizza u karti imċappsin bl-ikel (p.eż tgeżwir għall-fast food, karti li jgeżwru l-laħam, eċċ)
- ✓ Qtugħ mill-pjanti
- ✓ Qxur tal-gambli
- ✓ Srievet
- ✓ Boroż u weraq tat-te`
- ✓ Tissues
- ✓ Zkuk
- ✓ Qxur tal-ħaxix
- ✓ Ħaxix ħażin
- ✓ Injam (mhux trattat u miżbugħ)

Jekk jispiċċawlek il-boroż il-ħodor, aktar boroż jistgħu jinġabru b'xejn minn kwalunkwe Uffiċċju tal-Kunsill jew fergħat tal-librerija.

# Il-Bin bl-għatu isfar għar-Riċiklaġġ




Il-Bin bl-għatu isfar għar-Riċiklaġġ qiegħed għal prodotti riċiklabbli bħal karta, kartun, fliexken, bottijiet, vażetti, laned u kontenituri li jistgħu jinbidlu f'materjali ġodda.



Jekk jogħġbok tpoġġi l-ebda basktijiet tal-plastik fil-bin tar-riċiklaġġ tiegħek għax jistgħu jwaħħlu l-makkinarju u jżommu affarijiet riċiklabbli oħrajn milli jiġu rikoverati.





**Dawn huma xi ftit eżempji ta' affarijiet li jistgħu jmorru fil-bin tar-riċiklaġġ tiegħek:**

- ✓ Bottijiet tal-ajrusol
- ✓ Bottijiet tal-aluminju
- ✓ Fliexken u vażetti
- ✓ Kartun
- ✓ Envelopsijiet
- ✓ Fliexken tal-ħġieġ
- ✓ Posta mhux mixtieqa (junk mail)
- ✓ Rivisti
- ✓ Gazzetti
- ✓ Karti
- ✓ Fliexken tal-plastik
- ✓ Kontenituri tal-plastik
- ✓ Bwieqi tal-plastik
- ✓ Bottijiet tal-luminata
- ✓ Bottijiet tal-azzar
- ✓ Kontenituri tat-takeaway
- ✓ Tetrapaks u kaxex tal-kartun għall-prodotti tal-ikel
- ✓ Bottijiet tal-landa
- ✓ Il-ġewwieni tal-karta tat-tojlit
- ✓ Karti għat-tgeżwir



Ara li l-kontenituri jkunu vojta u mlaħalħa biex jitneħħew kwalunkwe likwidu jew fdalijiet ta' ikel qabel ma titfagħhom jiġru fil-bin.

# Il-Bin tar-Residwu bl-għatu aħmar

Il-bin tar-residwu bl-għatu aħmar qiegħed għal skart li ma jmurx fil-bin tal-FOGO jew tar-riċiklaġġ tiegħek. L-iskart li jitpoġġa fil-bin tar-residwu ma jistax jerġa' jintuża u għalhekk jintbagħat fil-miżbla. Huwa importanti li l-ebda riċiklaġġ, fdalijiet tal-ikel jew organiċi tal-ġnien ma jitpoġġa f'dan il-bin.







**Dawn huma xi ftit eżempji ta' affarijiet li jistgħu jmorru fil-bin tar-residwu tiegħek:**

- ✓ Pakketti taċ-ċipps
- ✓ Fdalijiet tas-sigaretti
- ✓ Ħwejjeġ
- ✓ Fajjenza u pożati
- ✓ Prodotti tal-iġjene
- ✓ Mifrex tal-qtates (magħmul minn kristalli)
- ✓ Ħrieqi
- ✓ Basktijiet tal-plastik
- ✓ Film tal-plastik
- ✓ Pakketti tal-plastik
- ✓ Pakketti għat-tgeżwir
- ✓ Basktijiet tax-xiri
- ✓ Affarijiet tal-fowm u polistirene
- ✓ Materjal tat-tgeżwir



Tpoġġiex skart perikoluż bħal batteriji, żebgħa jew ċilindri tal-gass f'dan il-bin għax dawn l-affarijiet jistgħu jikkawżaw nirien fit-trakkijiet. Dawn l-affarijiet jistgħu jittieħdu b'xejn fiċ-Ċentru Komunitarju tar-Riċiklaġġ ta' Penrith (Penrith Community Recycling Centre).

# Gwida kif tagħżel l-iskart għat-3 Bins

## Il-Bin tal-FOGO




Titfax basktijiet tal-plastik, affarijet riċiklabbli, ħġieġ u labar/affarijiet li jaqtgħu

## Il-Bin għar-Riċiklaġġ




Titfax basktijiet tal-plastik, ikel, likwidi u labar/affarijiet li jaqtgħu

## Il-Bin tar-Residwu



Titfax ikel, ħaxix, affarijet riċiklabbli u labar/affarijiet li jaqtgħu

## Ġbir ta' Skart Goff



## Iċ-Ċentru Komunitarju tar-Riċiklaġġ



# Ġbir ta' Skart Goff

Oġġetti li huma wisq goffi jew tqal biex jinġabru mill-bins tiegħek jistgħu jinġabru bħala parti minn ġbir ta' skart goff.

Ir-residenzi huma allokati sa erba' ġabriet ta' skart goff kull sena. L-iskart ma jistax ikun aktar minn żewġ metri kubi fid-daqs (bejn wieħed u l-ieħor id-daqs ta' karru bil-kaxxa).

**Dawn huma xi ftit eżempji ta' affarijiet li jistgħu jiġu inklużi f'ġabra ta' skart goff:**

- ✓ Għamara li ma tridx aktar
- ✓ Saqqijiet
- ✓ Tagħmir tal-elettriku għad-dar
- ✓ Qtugħ mill-ġnien (jrid ikun magħluq f'kaxxa)
- ✓ Frieġħi tas-siġar (marbuta f'qatet li jistgħu jintrefgħu faċilment ta' mhux aktar minn 1.2 metru tul)
- ✓ Affarijiet żgħar tad-dar (iridu jkunu magħluqin f'kaxxa jew f'baskett)

Għal aktar informazzjoni fuq kif tibbukkja ġabra ta' skart goff, jekk jogħġbok żur is-sit **penrith.city/bulkywaste**

# Iċ-Ċentru Komunitarju tar-Riċiklaġġ

Iċ-Ċentru Komunitarju tar-Riċiklaġġ ta' Penrith (Penrith Community Recycling Centre (CRC)) jippermetti lir-residenti li jħallu l-iskart tad-dar tagħhom li huwa problematiku biex jiġi riċiklat.

**Dawn huma xi ftit eżempji ta' affarijiet li jistgħu jitħallew fiċ-ĊKR:**

- ✓ Batteriji
- ✓ Skart elettroniku (kompjuters, televiżjonijiet, telefowns ċellulari u aċċessorji
- ✓ Bozoz u tubi bid-dawl fluroxxenti
- ✓ Fliexken tal-gass u apparat tat-tifi tan-nar
- ✓ Żjut tal-karozzi u żjut oħrajn
- ✓ Żebgħa
- ✓ Polistirene abjad

Iċ-ĊKR jinsab f'Gate 3, 96 Dunheved Circuit, St Marys u huwa miftuħ mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30am-2pm u s-Sibt mit-8am-12pm.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok żur is-sit **penrith.city/CRC**

Community Recycling Centres

# Għażliet fis-Servizz tat-3-Bins

Biex tkun tista' tagħżel l-iskart tiegħek bl-aktar mod sempliċi u konvenjenti, aħna noffru għadd ta' servizzi differenti minn fejn tagħżel li l-aktar jixirqu lill-bżonnijet tad-dar tiegħek fejn jidħol l-iskart.

L-aktar erba' servizzi komuni li jiġu magħżula mir-residenti huma murija hawn taħt.

Jekk qed ikollok problema ta' spazju fil-bin tar-riċiklaġġ tiegħek, tista titlob għal bin tar-riċiklaġġ akbar jew agħmel arranġament biex iżżid it-tieni bin tar-riċiklaġġ mas-servizz tal-iskart kurrenti tiegħek.

Biex tibdel jew biex titkellem ma' xi ħadd fuq is-servizz tal-iskart tiegħek, ċempel lill-Kunsill fuq **4732 7777**.

## Servizz Sostenibbli

Bin tal-FOGO **240L Kull Ġimgħa**

Bin tar-Riċiklaġġ **240L Kull Ħmistax**

Bin tar-Residwu **140L Kull Ħmistax**




## Servizz ta' Skart Residwu Kbir

Bin tal-FOGO **240L Kull Ġimgħa**

Bin tar-Riċiklaġġ **240L Kull Ħmistax**

Bin tar-Residwu **240L Kull Ħmistax**




## Servizz ta' Skart Residwu Kull Ġimgħa

Bin tal-FOGO **240L Kull Ġimgħa**

Bin tar-Riċiklaġġ **240L Kull Ħmistax**

Bin tar-Residwu **140L Kull Ġimgħa**




## Servizz ta' Skart Residwu Kbir Kull Ġimgħa

Bin tal-FOGO **240L Kull Ġimgħa**

Bin tar-Riċiklaġġ **240L Kull Ħmistax**

Bin tar-Residwu **240L Kull Ġimgħa**



# L-Ekonomija Ċirkolari tal-FOGO

**Ibda minn hawn**



# L-App tal-Penrith Waste Champion (Penrith Waste Champion App)

Għal aktar informazzjoni utli li tirrigwarda l-iskart, niżżel l-App tal-Penrith Waste Champion (Penrith Waste Champion App) minn Google Play jew mill-Apple App Store. L-app jinkludi kalendarju tal-ġbir tat-3 bins biex jgħinek tiftakar il-ġurnata tal-bin tiegħek, informazzjoni fuq avvenimenti li ġejjin relatati ma' l-iskart u suġġerimenti utli għal meta m'intix ċert dwar liema bin trid tuża.



NSW GOVERNMENT

Dan il-proġett huwa inizjattiva tal-Awtorita` għall-Protezzjoni tal-Ambjent ta' NSW (NSW Environment Protection Authority) li hu  iffinanzjat mit-tariffa fuq l-iskart.

PENRITH CITY COUNCIL